# IL-QIMA LEJN SAN NIKOLA F'MALTA U GĦAWDEX

Fiż-żminijiet l-imgħoddija meta n-nies kienu igħixu fl-irziezet jew fi kmamar qalb l-egħlieqi, kienu bla għadd dawk il-kmamar żgħar li kienu jservu bħala Knisja, u kienu jiddedikawhom lil xi qaddis partikulari. Fil-Vista Pastorali li Mons. Pietru Duzzina kien għamel fis-Siġġiewi fl-1575, insibu li kien hawn 46 knisja, 6 minnhom kienu ddedikati lil San Nikola ta' Bari. Waħda minnhom kienet il-Knisja l-Qadima, kif insejħulha llum.

Fil-Vista Pastorali ta' l-Isqof Buenos li kien għamel fis-Siġġiewi, nhar il-11 ta' Diċembru 1667, fl-Atti ta' l-Inventarju kien ingħata tagħrif ta' dak kollu li kien sab, fosthom kien semma l-vara bix-xbiha ta' San Nikola, bis-suttana tiegħu, pavanozza, stola, amittu, ċinglu, bil-mitra tal-lama bajda, imdawra b'gallun tad-deheb bil-bizzilla tad-deheb fil-pendenti tagħha u b'ċurkett (1). Dak iż-żmien din l-istatwa kienet toħroġ fil-purċissjoni. Din l-istatwa llum tinsab fis-Sagristija. Din l-istatwa fiha preġju kbir. Wara l-Knejjes parrokkjali tal-Birgu, l-Isla, u Bormla, li kellhom l-istatwa proċessjonali tagħhom, jiġifieri li joħorġu l-Istatwa bil-purċissjoni, kienet tiġi din l-Istatwa ta' San Nikola tas-Siġġiewi. Minn dan kollu jidher ċar, li għal aktar minn 300 sena, ilha toħroġ il-purċissjoni ta' San Nikola ta' Bari (2).

Minn ktieb li kien instab fl-1912, għand l-Avukat Caruana Mamo fl-Imdina, insibu li fid-9 ta' Frar 1740, li dak iż-żmien kien Kappillan Dun Salv Tabone, u li kien ukol konvisitatur ta' Mons. Alpheran, kien talbu għannom tal-poplu kollu tas-Siġġiewi, biex jaqilgħu l-grazzja li jkollhom l-Uffizzju u l-Quddiesa Proprja ta' San Nikola kif issir f'Bari.

Ma sibniex dokumenti li juru jekk il-grazzja ġietx aċċettata dak iż-żmien, imma li hu żgur hu li llum l-Uffizzju proprju tiegħu, flimkien mal-Quddiesa bil-Prefazju Proprju jingħad illum **kif issir f'Bari (3).**

Din li ġejja hija l-lista ta' dawk il-Knejjes li kienu ddedikati lil San Nikola fi żmien il-Vista Pastorali ta' Mons. Duzzina (4).

L-Imdina: 2; Il-Belt Valletta: 1; Mosta :1; Ħ'Attard: 2; Tarxien: 1; Ħal Kirkop: 1; Żabbar: 1; Siġġiewi: 6; Rabat: 5; Ħal Għargħur: 1; Mellieħa: 1; Gudja:1; Ħal Luqa: 3; Ħal Qormi: 1; Żurrieq: 1; Żebbuġ: 2.

Ħal Manin li kien raħal żgħir bejn il-Qrendi u ż-Żurrieq kellu wkoll il-Knisja ddedikata lil San Nikola.

Minn dawn il-31 Knisja, 10 minnhom kienu ġew ipprofonati, għax jew ma kienux jieħdu ħsiebhom sewwa jew inkella kienu sa jiġġarrfu.

*Knejjes ta' San Nikola f'Għawdex fi żmien il-Vista Pastorali ta' l-istess Mons. Duzzina*

Fil-Kastell, ir-Rabat (Victoria) mat-triq ta' l-Għarb, mat-Triq tad-Dwejra.

Id-devozzjoni lejn San Nikola kienet mhux biss f'dawn il-Knejjes li semmejna, imma wkoll billi marru jsemmu toroq iddedikati lilu. Dawn huma f'Bormla, il-Belt Valletta, Wied il-Għajn, il-Qrendi, is-Siġġiewi. Kważi f'kull Belt jew raħal wieħed għandu jiltaqa' ma' xi niċċa bix-xbieha ta' San Nikola ta' Bari.

## Tagħrif qasir fuq dawk il-Knejjes ta' San Nikola li għadhom jeżistu (5)

### 1. IL-KNISJA TA' SAN NIKLAW

Din il-Knisja fl-antik kienu jgħidulha "Tal-Merħla", għax dak iż-żmien kien hemm min kellu 100 nagħġa. L-ewwel knisja li kien hemm kienet tat-12-il seklu, fir-raħal antik imsemmi Ħal Niklusi.

*(Ikompli f'paġna 21)*

## IL-QIMA LEJN SAN NIKOLA

*(Ikompli minn paġna 17)*

Il-Knisja li hemm illum hija akbar, ġiet mibnija fis-sena 1580 mill-Patrijiet Benedettini ta' Katanja fir-raba' mħolli lilhom minn nobbli Sinjura Isolda de Landolini mart di Lanza minn Babrini tal-belt ta' Noto fi Sqallija. Din in-nobbli sinjura fit-Testment tagħha għand in-Nutar Bartilmew Guasto fis-17 ta' Ġunju 1362, ħalliet bħala werrieta l-Patrijiet Benedittini ta' Katanja, billi kienet obbligathom li għandhom iżommu 6 patrijiet. Dawn il-Patrijiet ma ġew qatt. L-Isqof Illarju Corradu kien bidel dan it-testment, billi flokhom sejjaħ il-Patrijiet tal-Monasteru ta' San Nikola de Arena ta' Katanja kif jinsab fl-Atti tan-Nutar Giovanni de Casaretta fil-11 ta' Ottubru 1364.

Fis-sena 1832, dan it-territorju ġie marbut mal-mensa ta' l-Isqof bid-digriet ta' Mons. Caruana u ħa ħsieb il-piżijiet kollha li jinsabu f'dan it-testment. F'din il-Knisja jinsab artal wieħed. Fiha sagristija kbira. Il-kwadru huwa ta' pittura griega. Igħidu li f'dak il-bini viċin il-Knisja kien imur għall-mistrieħ l-Isqof Illarju Corradu. Sa 40 sena ilu f'din il-Knisja fil-Ħdud u l-festi kmandati kien isir il-quddies. Kien iqaddes Dun Ġużepp Camilleri. Madwar 3 snin ilu kienu reġgħu bdew jagħmlu xi quddies, imma ma komplewx.

### 2. IL-KNISJA TA' SAN NIKOLA FL-IMDINA

Din il-Knisja hija wisq antika, tinsab qrib il-mina ta' l-għarreqin. Din ġiet imwaqqfa qrib is-sena 1550. Imma fis-sena 1692 reġgħet inbniet fuq id-disinn ta' Lorenzo Gafà, bil-flus ta' Bartilmew Vella minn Ħaż-Żebbuġ, missier Dun Lawrenz li kellu l-benefiċċju ta' din il-Knisja. Din il-Knisja fiha artal wieħed, hija sabiħa u kbira. Il-Kapitlu tal-Katidral flimkien mar-reliġjużi kollha fl-aħħar ġurnata tar-rogazzjonijiet kienu jmorru jitolbu hemm. Fi żmien il-Kan. Bonnici li kien Kappillan Ħ'Attard kien jagħmel fiha x-xahar ta' Mejju ddedikat lill-Madonna "Nostra Signora del Sacro Cuore."

F'ħarġa oħra nkomplu nitkellmu fuq "Il-Knejjes ta' San Nikola" fir-Rabat, dik f'Rikażli, fiż-Żejtun, f'Ħal Kirkop, Ħal Għargħur u Ħaż-Żabbar.

**Noti:**

1-2 L-Istatwa Proċessjonali l-qadima ta' San Nikola fis-Siġġiewi. Siġġiewi Album Nru. 3 — Diċembru 1977 ta' Mons. Profs Kan. Vincenz Borg D.D., H.E D. Arch., Ch.L. Professur tal-Istorja Ekkleżjastika.

3 Mill-Ktieb "Il-Ħajja ta' San Nikola ta' Bari" is-sitt ktieb; paġna 36, miktuba mill-Kan. Vincenz Vella.

4-5 Vella, op.cit. paġna 29-34. Zieda ta' tagħrif li ma kienx miktub fil-Ktieb imsemmi.

**JOSEPH SCHEMBRI.**

## IL-MESSAĠĠ TA' L-ARĊIPRIET

*(Ikompli imnn paġna 13)*

jew ħa interess biex jinxtegħlu t-toroq, għax biex ikollna Festa tajba rridu nkunu ħdimna matul is-sena.

Inħeġġiġkom b'mod speċjali biex tgawdu l-Festa sħiħa, jiġifieri nibdew mill-funzjonijiet tal-Knisja u nkomplu bil-ferħ tal-Baned, ta' l-armar u tal-Logħob tan-Nar. Inħeġġeġ biex niċċelebraw il-Festa bi spirtu ta' mħabba, billi nevitaw kull esaġerazzjoni u kull sens ta' pika. B'hekk ikollna Festa Tajba, Festa sabiħa, u Festa li tixirqilna bħala Siġġiwin.

SAN NIKOLA JBERIKNA.

*Kan. Dun Lawrenz Mifsud,*
*Arċipriet.*

**F. CORDINA & SONS LTD.**

**IMPORTERS OF STEEL AND ALUMINIUM PROFILES**

9-10, Flagstone Wharf
Marsa - Malta
Tel: 22254

Cannon Rd., Qormi - Malta
Tel: 491996

# IL-QIMA LEJN SAN NIKOLA F'MALTA U GHAWDEX

*(ikompli mill-ħarġa ta' Ġunju 1985)*

### 3. IL-KNISJA TA' SAN NIKOLA FIR-RABAT

Din il-Knisja hija taħt it-titlu tat-Twelid tal-Bambin u ta' San Nikola, msejħa tad-Dejr (tad-dar) li tfisser tal-Kunvent, għaliex igħidu li fl-antik kien hemm il-Kunvent tal-Benedittini. Din reġgħet ġiet mibnija bil-flus ta' Girgor Xerri għal ħabta ta' nofs is-seklu 16. Il-Barunissa Imperja Xerri, għamlet il-benefiċċju fil-31 ta' Marzu 1626. Ħalliet in-nomini f'idejn id-Dumnikani u l-Franġiskani tal-Minuri Konventwali. Illum din il-Knis-ja hija magħrufa minn kulħadd bħala "Il-Knis-ja ta' Xerri".

### 4. IL KNISJA TA' SAN NIKOLA FIR-RABAT

Din il-Knisja qiegħda qrib il-Buskett f'post magħruf bħala "Ġnien il-Far". Fil-viżta pastorali li Mons. Duzzina kien għamel ir-Rabat fl-1575, insibu li kienu żewġ knejjes, jinfdu ma' xulxin. Waħda kienet iddedikata lil San Nikola u l-oħra lil Santa Luċija. Agostinu Agius fl-1900 reġa bena l-Knisja ftit akbar, peress li kienu żewġ knejjes. Il-lum din il-Knisja hija magħrufa minn kul-ħadd bħala l-Knisja ta' San Nikola u ta' Santa Luċija.

Il-kleru tal-Parroċċa ta' San Pawl lejlet il-festa ta' San Nikola 5 ta' Diċembru kien imur jagħmel il-għasar. Kull nhar ta' Ħadd qiegħed isir il-Quddies mill-patrijiet ta' Santu Wstin.

### 5. IL-KNISJA TA' SAN NIKOLA FIR-RIKAŻLI (BIRGU)

Din il-Knisja fil-fortizza tar-Rikażli ġiet mibnija bil-flus tal-Kom. Gio Francesco Ricasoli. Iddedikaha lil San Nikola ta' Bari, ad unur ta' l-isem tal-Gran Mastru Nikola Cottoner. Dan kien ħa pjaċir ħafna, li ma-lajr sejjaħlu f'nofs il-Kunsill tiegħu, irringrazzjah għan-nom ta' l-Ordni kollu, tah l-unuri kollha sabiex f'din il-fortizza jinżammu l-armi u ssir lapida biex tfakkar dejjem u lil kulħadd fuq din l-opra hekk ġentili.

F'din il-Knisja jinsabu ħames altari. Fil-festa prinċipali ta' San Nikola 6 ta' Di-ċembru, il-Kapitlu u l-Kleru tal-Knisja Mat-riċi tal-Birgu kien imur jagħmel il-funzjoni. Il-Gran Mastru Nikola Cottoner kien għa-mel bi flusu l-inkwadru, dan kien tpitter minn Mattia Preti. Ilum il-ġurnata dan l-in-kwadru m'għadux hemm, u din il-Knisja tinsab ħerba kbira.

### 6. IL-KNISJA TA' SAN NIKOLA FIŻ-ŻEJTUN

Din il-Knisja tinsab fil-limiti taż-Żejtun fil-kampanja u hija wisq antika. Gio Fran-ġisk Gauci kellu devozzjoni kbira lejn San Nikola, u meta kienet waslet fl-istat li taqa', ħaseb biex jerġa' jibniha minn flusu, dan kien fis-sena 1620 u żammha taħt idejh u għadha sal-lum ġustapronat. Fiha altar wie-ħed; il-kwadru prinċipali huwa ta' San Ni-kola, pittura sabiħa immens.

### 7. IL-KNISJA TA' SAN NIKOLA F'ĦAL KIRKOP

Fuq l-ewwel Knisja li nbniet lil dan il-qaddis San Nikola ta' Bari f'Ħal Kirkop, ma nistgħux ngħidu x'sena kienet sewwa, ak-tarx li għal ħabta ta' l-1460. Dun Nikola Mangion li kien qassis f'dawk l-inħawi re-ġa' bena din il-Knisja fl-1658. Kien devot ħafna lejn San Nikola l qaddis ta' l-isem tie-għu. Din il Knisja fiha altar wieħed, u jin-sabu midfuna fiha bosta nies li mietu bil-pesta fl-1592. Ma' din il-Knisja hemm ċimi-terju li għadhom jidfnu ġo fih.

*Aqleb*

### 8. IL-KNISJA TA' SAN NIKOLA F'ĦAL GĦARGĦUR

Din il-Knisja tinsab fit-triq tan-Naxxar ftit bogħod mill-parroċċa. L-ewwel fundazzjoni tagħha kienet fis-seklu 15. Kienet ġiet profonata minn Mons. Duzzina fl-1575. Mitt sena wara, fl-1675 reġgħet ġiet mibnija, skond ma' jidher fil-Vista Pastorali ta' Molina. Il-kwadru prinċipali ġie mpitter minn Gaspru Formica. Illum ġo din il-Knisja jinżammu l-Vari tal-Ġimgħa l-Kbira.

### 9. IL-KNISJA TA' SAN NIKOLA F'ĦAŻ-ŻABBAR

Din il-Knisja hija msejħa San Nikola taż-Żonqor. Ġiet mibnija mill-poplu għad-devozzjoni li kellu lejn dan il-qaddis Tawmaturgu għall-grazzji kbar li kien jaqla' minn għandu madwar is-seklu 16. Fil-25 ta' Marzu 1679 kienet ġiet profanata minn Mons. Molina. Imma ma damitx wisq magħluqa għaliex malajr qam il-poplu u dan irranġaha mill-aħjar li seta', allura l-Isqof reġa' fetagħha.

Dawn huma d-disa' Knejjes li għadhom jeżistu llum il-ġurnata. Jinsabu mxerrdin ma' Malta kollha. Minn dan kollu li rajna, jidher ċar kemm missirijietna kienu devoti lejn San Nikola, għalhekk tkun ħaġa sabiħa ħafna illi aħna s-Siġġiwin, nippruvaw li nimitaw lil San Nikola mill-aħjar li nistgħu. Nimitaw lil San Nikola f'dawk il-virtujiet sbieħ speċjalment l-imħabba lejn il-proxxmu. Nitolbuh biex jieħu ħsieb it-tfal u ż-żgħażagħ ta' Malta u Għawdex, speċjalment din is-sena li hija ddedikata liż-żgħażagħ, biex huma jitilgħu rġiel u nisa tajbin u jibqgħu hekk sal mewt.

*********************************

# Tips għall-Ġenituri

Bħala ġenituri irridu ngħallmu lill-uliedna kif dawn għandhom jobdu l-ordnijiet li aħna nagħtuhom. Dan huwa mportantissmu għall-ulied. L-aħjar mezz biex uliedek jidraw jisimgħu minnek hu li tgħallimhom kif għandhom jagħmlu dan. Dawn huma xi ftit tips:-

1. Meta tkun qed tqabbad lill-uliedek jagħmlu xi ħaġa, dejjem kellimhom bil-mod u bi kliem ċar. Qatt bir-rabja imma dejjem bil-ħlewwa. Kellimhom mhux biss b'ilsienek imma wkoll b'għajnejk. Ħares lejhom meta tqun qed titkellem mhux band'oħra.

2. Għid imbagħad lit-tifel jew lit-tifla jirrepeti hu dak li tkun għadek kif għidt. B'hekk inti tinduna jekk fehemx jew le dak li hu mistenni minnu.

3. Jekk ma jismax minnek u jagħmel xi ħaġa oħra, erġa' bil-kalma fehmu x'inhu mistenni minnu u x'għamel ħażin.

4. Meta jobdi u jisma' minnek, ikkumplimentah u faħħru tat-tajjeb li jkun għamel.

Dan il-proċess hu diffiċli u jitlob ħafna paċenzja, imma jekk nimxu fuqu, żgur li jkollna riżultati tajbin fit-trobbija ta' uliedna.

"L-imħabba sħiħa tkeċċi 'l barra l-biża'" jgħidilna San Ġwann fl-ewwel ittra tiegħu. L-imħabba sħiħa — l-imħabba li hi matura u vera — għandha qawwa kbira biex tkeċċi l-biża' minn ġo fina. L-imħabba tal-ġenituri lejn uliedhom għandha tgħin biex teħlishom minn ħafna biżgħat: biża' mill-klieb, middlam, minn postijiet fil-għoli, mill-ewwel għawma tagħhom fil-fond, ukoll mill-biża' ta' x'jaħsbu fuqhom sħabhom. Dawk il-ġenituri li tassew iħobbu lil uliedhom għandhom jagħrfu u jindunaw liema huma dawk l-affarijiet li uliedhom qed jibżgħu minnhom, u jgħinuhom jirbħu dak il-biża'.

It-tfal żgħar ħafna drabi jibżgħu middlam, mir-ragħad u s-sajjetti, minn klieb kbar, eċċ. Meta jibdew jikbru jibdew jibżgħu mill-futur, jew li sħabhom mhux ser jaċċettawhom. F'sitwazzjonijiet bħal dawn ħafna ġenituri kull ma jagħmlu hu li jgħidu lill-uliedhom: "U toqgħodx tibża', qisek vavu" Din hi attitudni ħażina u m'għandiex tkun. Li għandna nagħmlu hu li bl-imħabba u l-ħlewwa kollha ngħinuhom jirbħu dak il-biża'.